SANNAT

Tkompliet il-laqgħa numru ħdax tas-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali Sannat li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Ħamis, 11 ta' Marzu 2010 fis-7.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| | Guda Taddeus Bajada |
| | Manuel Tabone |
| | Joseph Bajada |
| Assenti<br>Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| L-Uffiċjali:<br>Is-Segretarju | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1. Korrispondenza**

564 Iċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni tal-kuntratt tal-iskema għall-Inizjattivi Sportivi għal Kunsilli Lokali ġiet posposta għal Ħamis 18 ta' Marzu 2010.

565 l-Ġimgħa 12 ta' Marzu 2010 hemm sessjoni ta' informazzjoni fil-Ministeru ghal Għawdex dwar il-fond Ewropew FEŻR.

566 Ħarget l-ewwel sejħa għall-proposti tal-proġetti taħt Axis 1 u 11 tal-Operational programme Italia Malta 2007-2013. Din tagħlaq l-Erbgħa 31 ta' Marzu 2010.

567 Il-Kunsillier Manuel Tabone kiteb dwar il-ħaddiema tal-CWS. Hu qal li dawn irridu naraw li jagħtu l-ġurnata tax-xogħol u jsir programm ta' xogħlijiet minn qabel, kif ukoll li jinxtara/jinkera trakk zgħir biex il-ħaddima jiġu utilizzati aħjar. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li fiż-żoni fejn ma hemmx residenti bħal tal-Bardan hemm ħafna ġebel li jista' jinġabar. Din tħalliet għal darba oħra.

568 Ser issir laqgha ta' nformazzjoni għall-pubbliku *Life long learning* gewwa Għawdex dwar scholarships nhar it-Tlieta, 16 ta' Marzu 2010 fl-iskola ta' l-Arti Wistin Camileri, Ghajnsielem fil-5.30 p.m.

569 Email mill-AKL dwar il-*Call for Proposals Priority Access 1 (OPI) Promoting Sustainable Tourism, targeting the Focus Areas of Product Development and Nitche Market Development and Branding, Tourism Zone*. Il-progetti jridu jindikaw biċ-ċar il-benefiċċju dirett fuq l-industrija għat-turiżmu fil-lokalita'. Id-data tal-għeluq hi s-19 ta' April 2010.

SANNAT

570 Il-GRTU kitbet ittra fejn qalet li tixtieq tiltaqa' mal-Kunsill fuq materji ta' interess għaż-żewġ naħat.

571 Id-dokumenti rigward l-offerta tal-lift għall-uffiċċju l-ġdid waslu mingħand il-perit u għandha tiġi ppublikata s-sejħa.

572 Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali talab biex minn għandu xi applikazzjonijiet quddiem il-MEPA tal-Measure 313 u Measure 323 jingħata n-numru tal-applikazzjoni għal permess tal-MEPA. Il-Kunsill għaddilhom in-numru tal-applikazzjoni tal-Bidwi Park f' Ta' Saguna.

573 Il-Kunsillier Manuel ippreżenta statistika dwar il-baqar li hemm f'Għawdex. Minn 5,477 baqra f'Għawdex, fil-lokalita' ta' Sannat hemm 1,849. Il-Kunsill għandu jiltaqa' mal-perit Gordon Vella sabiex jiddiskuti miegħu x'tip ta' rapport u spezzjonijiet jistgħu jsiru biex tiġi solvuta din il-probelma ta' konċentrazzjoni ta' baqar .

574 Fit-8 ta' April 2010 ser issir laqgħa dwar ir-riforma tal-LES fil-Banca Guratale r-Rabat f'nofs inhar.

575 L-EACEA – P7 tal-E.U. bagħtu li l-applikazzjoni għal grant tat-Town Twinning Citizen's Meeting 2010 Phase 2 ġiet reġistrata.

576 Is-Segretarjat Parlamentari tal-Konsumatur, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika flimkien mal-European Cities Against Drugs u l-Kunsill ta' Penbroke ser jospita konferenza annwali kontra l-abbuż tad-Droga li ser issir bejn it-22 u l-24 ta' April fil-Kempiski Hotel. Kull minn hu nteressat li jattendi għandu jinkiteb għand il-Kunsill ta' Penbroke.

577 Ittra mill-Malta Organic Agricultural Movement li ser torganizza konferenza fil-Kempenski Hotel.

**Item 2. Materja Oħra**

578 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li fit-12 ta' Marzu 2010 ser jiġi l-uditur biex jagħmel l-uditjar annwali. Dan jkun mqabbad kull sena mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

579 Il-Kunsill irċieva €2,550 taħt l-*Energy Saving Scheme* mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

580 Is-Segretarju ppreżenta kopja tal-Budget għas-sena 2010.

581 Is-Segretarju ppreżenta kopja *updated* tal-Finacial Statements għas-sena 2010.

**Item 3. Ilmenti**

582 Ilment minn Massimo Grima għaliex quddiem il-garaxx li għandhom fi Triq tal-Gruwa għandu bżonn jingħata kisja siment fl-art quddiem ir-rampa tal-garaxx.

SANNAT

**Item 4. Approvazzjoni tal-Pagamenti**

580 Gew approvati l-pagamenti pendenti skont skeda numru sitta.

Il-laqgħa spiċċat fit-7.45 ta’ filgħaxija u ġiet aġġornata għat-22 ta’ Marzu 2010 fis-7.00 ta’ filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |